MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

## ARM Asset Backed Securities S.A.

L-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ["MFSA"] tixtieq taġġorna lill-pubbliku rigward l-aħħar żviluppi dwar il-prodott finanzjarju ARM Asset Backed Securities S.A. ['ARM'].

Fl-aħħar aġġornament lill-pubbliku datat 20 ta' Frar 2014, l- Awtoritá infurmat lill-pubbliku li l-Financial Services Compensation Scheme ('FSCS') tar-Renju Unit kienet ddeterminat li investituri Maltin li għandhom investiment fl-ARM ha jiġu trattati bl-istess mod ta' persuni Inglizi li huma wkoll investituri f' dan il-prodott.

L-FSCS llum ħarġet stqarrija għall-midja fejn infurmat lill-investituri li ħa jircievu l-'claim forms' rigward Catalyst Investment Group Limited ['Catalyst'] sa l- aħħar ta' Marzu 2014. L-FSCS ħa tikteb lill-investituri li għandhom investiment fl-ARM u titlobhom jagħmlu l-claim tagħhom kontra Catalyst.

L-investituri jridu jimlew l-applikazzjoni għall-għotja ta' l-FSCS u jagħmlu t-talba għal-kumpens. Fl-applikazzjoni għall-għotja l-investituri jridu jipprovdu nformazzjoni essenzjali biex jiġġustifikaw it-talba ta' kumpens bħal dettalji f' liema bonds investew u liema entita tagħthom parir biex jinvestu fl-ARM.

Investituri ma jridux jieħdu azzjoni għalissa. L-Awtorita ser tkompli taġġorna lill-investituri Maltin rigward żviluppi ġodda mil-FSCS.

L-investituri għandhom jirreferu għal dan il-links għal iktar tagħrif:

http://www.fscs.org.uk/news/2014/march/fscs-expects-to-invite-claims-rrh47rc1y/index.html

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**7 ta' Marzu 2014**
**Ref: MFSA MR 04/2014**